15 ta' Ottubru 2016
91/2016

# ARĊIPRIET ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TAL-MOSTA

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Sebastian Caruana bħala arċipriet tal-Parroċċa ta' Santa Marija, il-Mosta.

Dun Sebastian Caruana twieled fit-23 ta' Diċembru 1970. Huwa rċieva l-edukazzjoni fl-Iskola Primarja ta' Ħal Qormi u dik sekondarja f'*St Elias College,* fil-Kulleġġ Santu Wistin u fil-*Higher Secondary*. Kompla l-istudji terzjarji fil-Filosofija u t-Teoloġija, fl-Università ta' Malta.

Dun Sebastian ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Ġunju 1997. Beda l-ħidma pastorali tiegħu bħala viċi-kappillan fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ. Fl-1999 mar l-Albanija biex jagħmel ħidma missjunarja. Lura Malta, f'Jannar 2002 beda jagħti servizz bħala viċi-kappillan fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar u f'Diċembru ta' dik is-sena sar kappillan tal-istess parroċċa.

Il-Parroċċa tal-Mosta tiġbor fiha madwar 19,000 persuna f'6,300 familja.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org